MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 379/2010

**VB**
**vs**
**FB, l-Avukat Dottor Renzo Porsella-Flores u l-Prokuratur Legali Peter Sammut nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri R B, u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-kontendenti zzewwgu fit-18 ta' April 1995; li minn relazzjoni extra-matrimonjali l-konvenuta FB weldet t-tifel R B fl-14 ta' Settembru 2007; li f'Awissu 2010 il-konvenuta FB ghall-ewwel darba nisslitlu suspett li l-imsemmi tifel ma kienx il-wild naturali tieghu; li dan gie konfermat b'certezza f' Ottubru 2010 bir-rizultanzi tat-testijiet xjentifici; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti: [1] tiddikjara u tiddeciedi li t-tifel minuri R B, imwieled kif fuq

inghad fl-14 ta’ Settembru 2007, m’huwiex il-wild tal-esponent izda l-frott ta’ relazzjoni barra z-zwieg li kellha l-konvenuta FB, mart l-esponent; u [2] tordna konsegwentement li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni tal-att tat-twelid tal-imsemmi tifel R B;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta jew min minnhom minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha d-Direttur tar-Registru Pubbliku rrefera ghall-artikolu 70[1] tal-Kap.16;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati ssollevaw li jostaw ghat-talbiet attrici l-kontenut tal-artikoli 73 u 81 tal-kapitlu16; u rrileva li l-pussess ta’ stat tal-minuri huwa konformi mac-certifikat tat-twelid tal-istess;

Rat in-nota tal-konvenuta FB li biha ddikjarat li taqbel mat-talbiet tal-attur;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Dottor Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fl-1 ta’ Marzu 2012 (Fol. 51);

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel R, imwieled mill-konvenuta fl-14 ta’ Settembru 2007 u registrat fuq l-att tat-twelid tieghu bin-numru 3008/2007 bhala l-wild tal-attur, fil-fatt mhuwiex il-wild naturali tal-attur.

Illi mill-provi jirrizulta li fl-ahhar ta’ Lulju 2010 il-konvenuta FB kienet informat lill-attur li hija kellha relazzjoni extra-matrimonjali li minnha kien twieled it-tifel R fl-14 ta’

Settembru 2007. Saru t-testijiet xjentifici li kkonfermaw li dan il-wild mhuwiex il-wild naturali tal-attur.

Illi rigward l-eccezzjoni tal-pussess ta’ stat legittimu kontemplat fl-artikoli 80 u 81 tal-kapitlu16, il-Qorti tosserva li ma ngabux provi sufficjenti sabiex tintlaqa’ din l-eccezzjoni, tenut kont li sad-data tar-rapport tad-DNA huwa kien ghad kellu biss tlett snin, u ma kienx ghadda zmien bizzejjed sabiex jigu stabbiliti l-fatti kontemplati fl-artikolu 80[2] fil-paragrafi [c] u [d] u in parte is-sub inciz [b]. Ghalhekk ir-realta’ bijologika ghandha tipprevali fuq il-prezunzjoni legali.

Illi rigward l-eccezzjoni bazata fuq l-artikolu 73, il-Qorti tosserva li fil-mori tal-proceduri, il-pozizzjoni giet sanata bl-awtorizzazzjoni mehtiega moghtija minn din il-Qorti.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddecidi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet, tilqa’ t-talbiet attrici; u tiddikjara li t-tifel R li twieled mill-konvenuta FB fl-14 ta’ Settembru 2007 mhuwiex il-wild naturali tal-attur; wkoll tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid fuq indikat.

Spejjez kollha a kariku tal-konvenuta FB.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------